# L-Isptar ta' San Ġiljan t'Għawdex

Il-ħidma soċjali, karitatevoli, u assistenzjali li rrnexxielha tagħmel il-Knisja Maltija tul is-sekli hi bla qies. Din ix-xorta ta' ħidma, b'differenza, ngħidu aħna, mis-sehem tagħha fl-edukazzjoni, kienet tolqot firxa wisq ikbar ta' nies. Kien żmien meta l-istat kien nieqes minn kull politika soċjali u allaħares ma kinitx il-Knisja li ndaħlet ħalli ttaffi t-tbatija tal-poplu. Il-Konċilju ta' Trentu (1545-1563) xtaq titjib anki f'dan l-aspett, u f'żewġ dokumenti tiegħu emfasizza l-ħtieġa li l-isqfijiet iżommu taħt għajnejhom dawn l-istituzzjonijiet. Obbliga wkoll lill-amministraturi ta' dawn l-istituzzjonijiet ħalli jagħtu rendikont annwali tat-tmexxija tagħhom.

## TA' MONS. DR. JOSEPH BEZZINA

**L-Isptarijiet tal-Knisja**
Il-maġġoranza ta' l-istituzzjonijiet karitatevoli ma twaqqfux direttament mill-Knisja, iżda minn Kristjani twajba li xtaqu jkunu ta' għajnuna għal ħuthom fil-bżonn. Iżda l-fundazzjonijiet ma setgħux irieġu mingħajr il-Knisja. Kienet hi li riedet tagħti l-permess għat-twaqqif tagħhom, u, fuq kollox, kienet hi li ħadet ir-responsabbilta' ta' l-amministrazzjoni u li għamlet tajjeb għalihom minn fondi oħra meta nħass il-bżonn. Hu għalhekk li jista' jingħad li din kienet ħidma kollha kemm hi tal-membri tal-Knisja.

L-iktar ħidma importanti f'dan il-qasam aktarx saret bit-twaqqif ta' l-isptarijiet. Infatti l-eqdem ħidma soċjali dokumentata tal-Knisja Maltija hi marbuta ma' l-Isptar San Franġisk, ir-Rabat ta' l-Imdina. Hu dokumentat għall-ewwel darba fl-1372, u lejn l-1467 beda jissejjaħ ta' Santu Spirtu. Id-dħul għaż-żamma tiegħu kienet tiġi minn proprjeta' f'Malta u Għawdex. L-isptar kien jitmexxa mill-Ordni tat-Terzjarji Regulari Franġiskani. L-Imdina kien hemm sptar ieħor, l-Isptar San Pietru, dokumentat għall-ewwel darba fl-1418, u soppress fl-1455 biex floku jitwaqqaf monasteru tas-sorijiet ta' San Benedittu.

L-Isptar Santu Spirtu, barra li jżomm il-morda, kien ukoll iqassam mediċini u ikel lill-foqra. Meta żaru Dusina fl-1575, kellu erba' sodod biss, iżda 'l quddiem dawn żdiedu ħafna. Kien jiddependi parzjalment mill-Universita' ta' l-Imdina. L-isptar baqa' jiffunzjona anki wara l-1574, meta l-Ordni bdiet tilqa' l-ewwel pazjenti fis-*Sagra Infermeria* li bniet il-Belt Valletta. Dan l-isptar ta' l-Ordni li seta' jilqa' fih mijiet ta' pazjenti kien ikkunsidrat bħala wieħed mill-aqwa ta' l-Ewropa.

**L-Isptar San Ġiljan**
Sptar ieħor qadim kien twaqqaf fir-Rabat, Għawdex, minn Franciscus Bonnici. Dan il-Għawdxi jissejjaħ nobbli min-Nutar Andrea de Beniamino meta dan sejjaħlu biex ikun xhud fil-pubblikazzjoni tat-testment ta' Antonius Vagnolo nhar it-2 ta' Lulju, 1453. Franciscus Bonnici kienu jafu tajjeb lil dan in-nutar. Tant hu hekk li snin qabel, nhar it-22 ta' Frar, 1454, hu nnifsu kien għamel it-testment tiegħu għandu. B'dan it-testment, in-nobbli Franciscus Bonnici ħalla dar li kienet qegħda f'bitħa maġenb id-dar tiegħu fir-Rabat, Għawdex, biex tkun mibdula bħala sptar għall-fqar u għall-pellegrini.

Ordna wkoll li f'din id-dar kellhom jitqiegħdu żewġ sodod għal dan l-iskop. Il-flus għaż-żamma tal-post kellhom jiġu minn xi għelieqi li hu kellu mħawla bid-dwieli. Franciscus Bonnici ma ħalliex x'kellu jissemma dan l-isptar żgħir li hu waqqaf. 'Il quddiem, minħabba l-biża 'ta' l-attakki Torok, l-isptar kien trasferit f'dar ġewwa ċ-Ċittadella maġenb il-Knisja Matriċi u Kolleġġjata ta' Għawdex.

Monsinjur Pietru Dusina, il-Viżitatur Appostoliku, sabu hemm fis-sena 1575. Hu proprju mir-rapport tal-viżta tiegħu li nafu, għall-ewwel darba, li l-post kien issemma l-Isptar San Ġiljan. Dusina sab li dik il-ħabta l-isptar ma kienx jiffunzjona, anzi kamra minnu kienet użata bħala ħabs. Il-Viżitatur Dusina ordna li jsiru

żewġ sodod biex jibda' jilqa' fih il-fqar. Kien aktarx f'dan iż-żmien li l-Isptar San Ġiljan kien riservat għan-nisa.

**Għaliex San Ġiljan?**

San Ġiljan l-Ospedalier, ismu miegħu, hu marbut mat-twaqqif ta' l-isptarijiet. Skond il-leġġenda l-iktar magħrufa dwaru, hu waqqaf sptar fuq xatt ta' xmara biex jilqa' l-pellegrini. Fejn twaqqaf dan l-isptar ma nafux. Forsi max-xatt tax-xmara Gardon jew Aube fi Franza, forsi qrib ix-xmara Potenza, qrib Macerata, l-Italja. Hu x'inhu, l-istorja tgħid li darba f'dan l-isptar laqa' lill-istess Ġesu' Kristu bħala pellegrin. Xi ħadd kien sema b'din il-ġrajja u ddedikalu għalhekk l-isptar ta' Għawdex. Il-knisja nazzjonali tal-Belġjani, Ruma, għandha sptar anness magħha msemmi wkoll għal San Ġiljan.



*Dehra minn barra tas-Seminarju ta' l-Isqof ġewwa l-Belt Victoria, Għawdex. Dan kien l-Isptar ta' San Ġiljan qabel ma' ngħalaq fl-1864.*

**L-Isptar San Ġiljan il-ġdid**

Fis-sena 1732, il-Gran Prijur Melkjorr Alpheran ta għotja ta' flus biex dan l-isptar fiċ-Ċittadella seta' jitranġa u biex is-sodod jiżdiedu għal tnax.

Bl-għajnuna ta' l-Isqof Vincenzo Labini u ta' ħafna nies ġenerużi, fit-3 ta' Mejju, 1783, tqiegħdet l-ewwel ġebla ta' sptar ġdid mibni fuq linji moderni fit-trufijiet tar-Rabat, Għawdex. Laqa' l-ewwel pazjenti nisa f'April 1787 u kellu akkomodazzjoni għal ħamsin pazjent. Uħud mis-sodod kienu riżervati għal dawk b'mard kroniku.

L-Isptar San Ġiljan, bħall-Isptar Santu Spiritu kellu dik li tissejjaħ ir-rota, jiġifieri l-faċilita' li jilqa' t-trabi abbandunati. Ir-rota kienet speċi ta' ġilandra fejn nisa li jinqabdu b'xi tarbija setgħu jħallu l-wild tagħhom b'mod unanimu, jdawwru l-ġilandra 'l ġewwa, u jċemplu qanpiena biex it-tarbija tinġabar minnufih minn ġewwa. Hekk din l-istituzzjoni tal-Knisja kienet tgħin lil min jinqabad biex ma jkunx ittentat jagħmel l-abort.

Dan l-isptar għalaq fit-30 ta' Novembru, 1864, biex ikun ittrasformat fis-Seminarju ta' Għawdex. Is-swali ta' l-Isptar San Ġiljan illum huma l-kappella u s-sala ewlenija tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesu', Għawdex.


*Il-President u l-Kumitat ta'*

**TA' ĠIORNI WOLVES FC**

*jawguraw il-festa t-tajba lill-Ġiljaniżi kollha.*